MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## VINCENT GALEA

Seduta tat-30 ta' April, 2014

Talba Numru. 161/2014

**Michael u David ahwa SCIBERRAS**

**Vs**

**Jonathan MIFSUD [ID. Nru. 472382M]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tar-rikorrenti mressqa fis-7 ta' Marzu, 2014** u li permezz taghha talbu lill-intimat jhallashom is-somma ta' tlett mija sebgha u tmenin euro [€387] u dan wara li ppremettew hekk:

> "L-atturi qed jitolbu lill-konvenut sabiex ihallas is-somma ta' tlett mija u sebgha u tmenin ewro (€387) rappreżentanti import ta' cheque li baqa ma ġiex onorat mill-Bank, kopja ta' liema cheque qed tiġi hawn annessa.

Bl-ispejjez u bl-imghax skond il-ligi sad-data ta' l-effettiv pagament kontra l-konvenut ingunt in subizzjoni".

Ra n-nota ta' ammissjoni ta' l-intimata ppreżentata waqt is-seduta tat-30 ta' April, 2014.

It-Talba ġiet posposta ghas-sentenza ghal-lum stess.

Ra d-dokumenti esebiti;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, r-rikorrenti qeghdin jitolbu l-hlas, minghand l-intimat tas-somma ta' €387 u dan peress li ċekk li kien rilaxxat mill-intimat lilhom ma issarrafx.

2. L-intimat, tramite d-difensur tieghu, ressaq nota ta' ammissjoni ghat-talba tar-rikorrenti waqt dawn il-proceduri.

Ikkunsidra ulterjorment;

3. In vista ta' l-ammissjoni ta' l-intimat, it-Tribunal isib li t-talba tar-rikorrenti hija misthoqqa u dovuta mill-istess intimat.

Ghalhekk, it-Tribunal, in vista tan-nota ta' ammissjoni ta' l-intimat, jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi jilqa t-talba tar-rikorrenti u konsegwentement

jikkundanna lill-intimat jhallas lir-rikorrenti s-somma ta’ tlett mija sebgha u tmenin euro [€387] bl-imghaxijiet legali kif mitluba.

L-ispejjez huma kollha a kariku tal-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------